Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Peter Paul Zammit)
(Spettur Sandro Zarb)

vs

Ezzedin El-Mokhtar Omar

Illum 3 ta’ Mejju, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Ezzedin El-Mokhtar Omar, iben Mokhtar u Mezin, imwieled Gharian nhar it-28 ta’ Dicembru, 1973, detentur ta’ passaport Libjan numru 000704, illi permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’tas-Sliema, ghall-habta tal-hdax ta’ filghaxija, nhar it-23 ta’ Settembru, 2000, volontarjament minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Osama Shahabi f’perikolu car, ikkagunalu offiza gravi u cioe’ sfregju gravi u permanenti f’wiccu;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabillita mil-Ligi tiddikjara lill-imsemmi Ezzedin El-Mokhtar Omar bhala immigrant ipprojbit u tohrog Ordni ta' Tnehhija fil-konfront tieghu;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-23 ta' April, tas-sena 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 12 u 15 tal-Kap. 217;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jiddikjara illi ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu, 2001;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu il-Qorti wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-23 ta' April, 2001 issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat ghall-fini tal-piena l-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li kien l-imsemmi Osama Shahabi illi beda l-glieda in kwistjoni u mhux l-imputat.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ilu ikkarcerat mill-25 ta' Settembru tas-sena 2000.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss illi jkun gust illi tapplika l-Artikoli 28A tal-Kap. 9 u ghaldaqstant hija tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu ghal prigunerija ta' tmintax il-xahar sospiza ghal tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu taht l-Artikoli 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza reat illi ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Finalment il-Qorti tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi Ezzedin El-Mokhtar Omar bhala immigrant ipprojbit u tordna it-tkeccija tieghu minn dawn il-gzejjer.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur